Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,223, 2 ta' Lulju, 2019

Taqsima B

A.L. 150 tal-2019

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2019 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Bioinformatics – M.Sc. - taħt il-patroċinju taċ-Ċentru tal-Mediċina Molekulari u tal-Biobanking

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord taċ-Ċentru tal-Mediċina Molekulari u tal-*Biobanking* bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 7 (b) (v) tal-Istatut għaċ-Ċentru u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2019 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Bioinformatics – M.Sc. - taħt il-patroċinju taċ-Ċentru tal-Mediċina Molekulari u tal-Biobanking.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord taċ-Ċentru tal-Mediċina Molekulari u tal-Biobanking;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord;

"iċ-Ċentru" tfisser iċ-Ċentru tal-Mediċina Molekulari u tal-Biobanking;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Science in Bioinformatics – M.Sc.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Science in Bioinformatics – M.Sc.;

"il-Postgraduate Certificate" tfisser il-Postgraduate Certificate in Bioinformatics – P.G. Cert.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2019 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom waħda minn dawn il-kwalifiki:

(a) il-grad ta' Bachelor of Science (Honours) minn din l-Università, jew minn xi istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja oħra rikonoxxuta mis-Senat, miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri fl-Information and Communication Technology, fil-Computer Science, fl-Istatistika, fil-Matematika, fl-Applied Biomedical Science, fil-Medical Biochemistry, fil-Pharmaceutical Science, fil-Medical Sciences, fil-Bioloġija, fil-Bioloġija u l-Kimika, jew f'xi qasam ta' studju ieħor meqjus rilevanti mill-Bord tal-Istudji; jew

(b) il-grad tad-Doctor of Medicine and Surgery minn din l-Università jew l-ekwivalenti miksub minn xi istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja oħra rikonoxxuta mis-Senat.

(2) Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat l-għadd ta' applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw għall-Kors, skont id-disponibbilità tar-riżorsi. Il-Bord għandu jħabbar l-għadd ta' postijiet disponibbli fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(3) Meta l-għadd ta' postijiet ikun limitat u l-għadd tal-applikanti eliġibbli jaqbeż l-għadd ta' postijiet disponibbli, l-applikanti jiġu magħżula skont il-kriterji li ġejjin, li l-piż tagħhom ikun ippubblikat fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet:

(a) it-tip u l-klassifikazzjoni tal-grad;
(b) l-esperjenza fil-qasam tal-istudju propost; u
(ċ) il-livell milħuq waqt l-intervista.

(4) Għall-għan tal-għażla, l-applikanti li jiksbu l-kwalifiki tagħhom kif stipulat fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament sal-31 ta' Awwissu qabel ma jibda l-Kors għandhom jitqiesu l-ewwel.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors għandu jinfirex fuq tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fuq bażi *part-time*.

Il-Programm ta' Studju

5. Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu ECTS, li minnhom 30 krettu ECTS huma assenjati għal taqsimiet studju mgħallma u 60 krettu ECTS huma assenjati għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

6. L-istudenti li jiksbu t-30 krettu ECTS assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw il-Kors b'suċċess, jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Certificate.

7. L-istudenti għandhom ikunu eliġibbli għall-għotja tal-Grad jekk jiksbu d-90 krettu ECTS kif spjegat fil-programm ta' studju għall-Kors b'marka medja ta' mill-anqas 50%.

8. Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

9. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) Dawk l-istudenti li jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 10 kretti ECTS għal taqsimiet studju mgħallma, kemm jekk qegħdin isegwu l-Kors fuq bażi *full-time* jew fuq bażi *part-time*, jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsimiet studju li weħlu minnhom fis-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kretti permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament, jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal xi taqsima studju, jkunu meqjusa li weħlu mill-Kors.

Id-Dissertazzjoni

10. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' madwar 30,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir fi kwalunkwe żmien matul il-Kors wara l-approvazzjoni tal-proposta dettatjata tar-riċerka li għandha tinkludi wkoll it-titlu provviżorju għad-dissertazzjoni. Din il-proposta dettaljata tar-riċerka għandha tiġi sottomessa lill-Bord tal-Istudji għall-approvazzjoni sa mhux aktar tard mit-tmiem tal-ewwel semestru. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

11. (1) Il-Bord għandu jaħtar Panil ta' Superviżjoni għal kull student, normalment magħmul minn tliet membri kif ġej: id-Direttur taċ-Ċentru, jew id-delegat tiegħu jew tagħha bħala *Chairman*, u żewġ membri oħra, li wieħed minnhom ikun is-superviżur prinċipali, sakemm li meta d-Direttur taċ-Ċentru ikun is-superviżur, huwa jew hija ma tkunx iċ-*chair* tal-Panil.

(2) Il-Panil ta' Superviżjoni għandu jsegwi, skont kif jidhirlu xieraq, il-progress tal-istudenti matul il-Kors, sakemm li jiltaqgħa għall-anqas darbtejn fis-sena biex jirrevedi l-progress tagħhom.

(3) L-istudenti huma meħtieġa jiltaqgħu mas-superviżur tagħhom mill-anqas darba kull xahrejn, u barra minn hekk aktar spiss jekk is-superviżur jidhirlu li meħtieġ.

(4) Fl-aħħar ta' kull semestru ta' studji, is-superviżuri huma meħtieġa li jagħtu lill-Panil ta' Superviżjoni rapporti dwar l-istudenti taħt is-superviżjoni tagħhom. L-istudenti għandhom jitolbu l-approvazzjoni tal-Panil ta' Superviżjoni għal xi tibdil sostanzjali fit-titlu jew fil-kontenut tad-dissertazzjoni.

(5) Il-Panils ta' Superviżjoni għandhom perjodikament jinformaw lill-Bord tal-Istudji, bil-miktub, dwar il-progress ġenerali ta' kull student. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord tal-Istudji ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent li jiddefendi l-każ tiegħu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

12. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

13. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time*, u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord tal-Istudji bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.